**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Dicembru 2019

Rikors Numru: 37/2016 AL

**A B**

Vs

**C B D**

**u b'digriet tal-20 ta' April 2018 l-Avukat Dr. Leontine Calleja u l-P.L. Louisa Tufigno ġew nominati bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti C B D u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2018 il-P.L Louisa Tufigno giet sostitwita bil-P.L. Marie Claire Bartolo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fit-23 ta' Frar, 2016 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Illi r-rikorrenti A B  u l-intimata  izzewgu fix-xahar ta' Gunju fis-sena 2008, gewwa r-Registru tal-Belt,Valletta, Malta.
2. Illi r-rikorrenti A B u l-intimata C B
3. Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar il-kwalita tal-konvenuta illi setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga
4. Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-hajja mizzewga  , jew dwar d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li kienet ghamlitha impossibbli ghall-konvenuta li twettaq l-obbligi essezjali taz-zwieg.
5. Illi l-intimata qatt ma assumiet r-responsabilitajiet taz-zwieg u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;
6. Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 19 u 19A tal-Att Dwar iz-Zwieg tal-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) ;

Talab li l-konvenuta tgħid ghaliex din il-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet fuq imsemmi huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet  ta' Malta.
2. Tiddeciedi wkoll illi ż-żwieġ bejn il-partijiet hawn fuq imsemmi huwa null u bla effett għall-finijiet kollha tal-liġi u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 10 li permezz taghha esponiet:

1. Illi preliminarjament il-konvenuta tirrileva illi t-talba attrici għad-dikjarazzjoni tan-nullita taż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet a bażi tal-Artikoli 19(1)(a) u 19(1)(b) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta għandha tiġi miċħuda in kwantu hija kompletament infondata fil-fatt

u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. In oltre jiġi rilevat illi dawn l-istess artikoli ċċitati mill-attur fit-talba tieghu ma jaqblux assolutament mal-fatti dikjarati mill-istess attur f'paragrafi numri 3, 5 u 6 tar-rikors guramentat tieghu liema fatti jagħmlu riferenza ghal subincizi tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta kompletament differenti minn dawk imnizzlin fit-talba;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, il-konvenuta taqbel ma dik il-parti tat-talba attrici illi z-zwieg taghha mal-attur ghandu jigi dikjarat null a bazi tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta izda tirrileva illi d-dikjarazzjoni ta' nullita fuq din il-bazi ghandha tinghata minn din l-Qorti minhabba ragunijiet imputabbli solament lill-attur fis-sens illi kien il-kunsens tal-attur li kien vizzjat fil-mument taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) u mhux dak tal-konvenuta illi kkuntrattt iz-zwieg mal-attur b'kunsens validu kif rikjest mil-ligi u dana kif ser jigi ukoll ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli bil-ligi;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semgħet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn il-partijiet li ġie kkuntrattat f'Casablanca l-Marokk fis-26 ta' Mejju 2008, u

sussegwentement ġie reġistrat ġewwa Malta[1], jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[2].

**Provi:**

Illi l-konvenuta xehdet in subizzjoni u qalet li hi u r-rikorrent iltaqgħu bl-internet u l-ewwel darba li ltaqgħet fiżikament mar-raġel tagħha kien il-Marokk fis-sena 2008 meta hu kien mar il-Marokk. Wara li żżewġu fil-Marokk ġew Malta u kienu joqgħodu Marsaxlokk mal-ġenituri tal-attur u wara erba' xhur krew fond, u dan ġara f'Diċembru 2008. Spjegat li f'Awwissu 2014 kienet marret il-Marokk għax kellha tieġ hemmhekk, meta ġiet lura Malta, sabet il-ħwejjeġ tagħha barra d-dar, u ghalhekk sabet post ieħor għar-rasha l-Fgura. Xehdet li ċ-ċittadinanza Maltija ħaditha f'Mejju 2014. Qalet li r-rikorrent qatt ma ried tfal, u kienet iżżewġitu għax hu kien qaleb ir-reliġjon u sar Musulman. Iżda qabel iżżewġu kienu jitkellmu biss bl-internet chat, qabel iż-żwieg ratu biss f'żewġ okkażjonijiet meta kien ġie l-Marokk, darba kien ġie għal tlett ġimghat u darba oħra għal tlett xhur.

E B omm ir-rikorrent xehdet permezz ta' affidavit fejn qalet li binha l-ewwel darba kien mar il-Marokk jiltaqa' ma C u dam ġimgħatejn u meta ġie lura kien waqaf mix-xogħol li kien ilu fih, biegħ il-karozza, irranġa d-dokumenti kollha u reġa' mar il-Marokk, għax kien rabat qalbu mal-konvenuta. Sussegwentement, il-partijiet gew Malta wara li żżewġu u għexu għal erba' snin f'appartament bil-kera, u wara dawk l-erba' snin reġgħu ġew joqgħodu għandha u infurmawha li riedu jġemmgħu biex jixtru d-dar tagħhom. F'dan il-perjodu ta' żmien hi kienet innutat li C ma kintix tħobb u tirrispetta lil binha kif kien jagħmel hu, u kienet tinjora dak li kien igħidilha u tisfidah. Ix-xhud qalet li C kienet toħroġ kull fl-għaxija u tiġi lura fid-9.30pm. u kienet tgħidlu li tmur il-gym. Xehdet ukoll li fl-aħħar sentejn li kienu flimkien binha u C, din tal-ahhar kienet ħaditha drawwa li toħroġ dejjem weħedha fi tmiem il-ġimgħa u lil binha kienet tħallih id-dar, u xi drabi ġiet lura d-dar wara li jkun sebaħ u binha kien jagħmel ħin twil

[1] L-Att taz-Zwieg relattiv registrat f'Malta jinsab esebit a fol 5 tal-process.
[2] Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

jistenniha, jinkwieta li ġralha xi ħaġa. Ix-xhud kompliet tghid li fiż-żmien li kienu igħixu magħhom, kien ikollhom l-argumenti iżda s-sitwazzjoni ta' bejniethom baqgħet ma tranġatx. Qalet li C qatt ma riedet trabbi familja ma' binha u li riedet biss takkwista ċ-ċittadinanza Maltija.

A B xehed permezz ta' affidavit fejn qal li wara xi tmien xhur jiċċetja bl-internet kważi kuljum ma' C wasal Frar 2008, u tela jaraha l-Marokk fejn għamel ġimgħatejn sħaħ hemm, hu kera appartament u hi marret toqgħod miegħu u ma ħaditux id-dar tal-familjari tagħha. Spjega li meta ġie lura Malta kien induna li kien inġibed lejha u wegħdha li kien ser jirritorna l-Marokk u jizzewiġha, u fi żmien erba' ġimghat reġa' rritorna l-Marokk, wara li telaq ix-xogħol li kellu f'Malta u wara li kien biegħ il-karozza. Hu mar joqgħod f'appartament il-Marokk u hi kienet marret toqgħod miegħu, u infurmatu li kienet ħallset xi flus biex tottjeni d-divorzju minn żwieġ li hi kienet ikkuntrattat preċedentement ma' ħaddiehor. L-attur xehed li meta kien il-Marokk kienu għaddew minn problemi u qtiegħ ta' qalb sakemm tlestew id-dokumenti u mbagħad f'okkażjoni minnhom kienet ħaditu post fejn kien hemm is-suldati, u ma kienx irrealiżża li dik kienet l-okkażjoni li fiha żżewġu, għaliex kienu qed jitkellmu bl-Għarbi u hu ma kienx qed jifhem, tant hu hekk li missieru kien infurmah li kienu diġà żżewġu hu u C u missieru kien preżenti biss għall-festin. L-attur xehed ukoll li malli ġew Malta, martu bdiet tinbidel, bdiet tgħajjru, tikkmandah, u meta joħorġu kienet tumiljah quddiem kulħadd li kienet tħallas kollox hi. Illi kien wara certu żmien li nduna li ż-żwieġ tiegħu kien mingħajr imħabba u mingħajr rispett, mimli gideb, akkużi u allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu, u li C riedet biss takkwista iċ-ċittadinanza. Xehed li kienet hi li ma riditx tfal u mhux hu, u ma kienx ikollhom wisq relazzjonijiet intimi għax hi ma kinitx tkun trid, u għalkemm kienet tispiċċa mix-xoghol fil-5pm, kienet tiġi d-dar dejjem fl-10pm, u fi tmiem il-ġimgħa dejjem toħroġ weħedha u tidħol lura fil-ħamsa ta' filgħodu. Żied igħid li l-imħabba ta' bejniethom ma kinitx reċiprokata min-naħa tagħha, u illi wara li ottjeniet iċ-ċittadinanza, hi kienet sabet appartament il-Fgura u telqet mid-dar u marret toqgħod għal rasha, u wara qalet li kien hu li keċċiha mid-dar wara li kienet marret xahar il-Marokk. Spjega li C kull sena

kienet tmur il-Marokk tara lil familtha u fis-snin li kienu miżżewġin kienet f'okkażjoni waħda biss li qaltlu biex imur magħha.

L-attur xehed ulterjorment u qal li l-aħħar darba li ltaqa' mal-mara kienet waqt l-aħħar seduta fi Frar 2017, u minn dakinhar qatt ma reġgħet iltaqgħet miegħu jew kellmitu.

Żied igħid li meta l-konvenuta telqet mid-dar u kriet post il-Fgura mingħajr ma tagħtu l-ebda dettalji, kienet ħadet id-dokumenti kollha taz-zwieg u tac-cittadinanza maghha.

In kontro-eżami l-attur xehed li ltaqa' ma' martu fuq ic-chat, u wara tmien xhur jtkellmu regolari fuq ic-chat kien iddeċieda li jmur jaraha hu l-Marokk u sakemm kien hemm qablu li jiżżewġu l-Marokk u meta l-konvenuta ġiet Malta u bdiet taħdem, bdiet ma tirritornax lura wara x-xogħol fil-5p.m. iżda tiġi tard, fl-10pm. Spjega li fl-2014 infirdu u fl-aħħar sena ta' qabel infirdu kienu marru lura għand ommu biex ma jħallsux il-kera, sakemm fl-2014 il-konvenuta riedet terġa tmur il-Marokk biex tiċċelebra għeluq sninha hemm u hu ried imur magħha imma hi ma riditx, u qalilha li mela l-affarijiet sejrin jinbidlu bejniethom u fil-fatt, sussegwentement kien beda l-proċeduri legali. Qabel telqet lejn il-Marokk, ommu dahlet fil-kamra tal-konvenuta u ratilha l-kaxxi u C kienet infurmat lil ommu li ser iggorr għal post ieħor. Mistoqsi jafx fejn telqet il-konvenuta u għandux dettalji tal-indirizz fejn marret tghix , qal li le m'għandux, u m'għandu l-ebda kuntatti mal-familjari tagħha. Qal li l-aħħar li ra lill-konvenuta Malta kien il-Qorti.

Mistoqsi in ri-eżami, ikkonferma li l-konvenuta kriet appartament u telqet ġimgħa wara li kienet akkwista iċ-ċittadinanza.

F B missier ir-rikorrent, xehed permezz ta' affidavit u qal li meta ibnu kien il-Marokk għax mar jiltaqa' ma C, kien informahom permezz ta' skype li ser jiżżewweġ u hu kien tela' l-Marokk għaż-żwieġ iżda attenda biss il-festin taż-żwieġ, għax iż-żwieġ kien diġà sar. Żied igħid li C qatt ma laqqgħethom mal-ġenituri tagħha fil-Marokk, kienet tmur iżżurhom hi u tħallihom jistennew f'xi kantuniera. Xehed li meta ġew joqgħodu Malta, u kienu joqgħodu magħhom, C kuljum kienet

tiġġieled ma' ibnu dwar xi ħaġa jew oħra. Qal li C kienet taħdem, kellha aktar minn elf Ewro paga u dejjem kienet toħroġ weħedha u ma sħabha u tħalli lil ibnu d-dar. Spjega li C u ibnu damu sitt snin miżżewġin qabel ma l-konvenuta qabdet u telqet mid-dar, ftit jiem biss wara li ġabet iċ-ċittadinanza, mingħajr ma huma jew ibnu kienu keċċewha mid-dar, u hemmhekk kulħadd kien induna li l-intenzjoni tagħha kienet li tottjeni ċ-ċittadinanza Maltija.

Dr. Sarah Sultana xehdet dwar in-nota li ppreżentat fl-att ta' dan il-każ, hija xehdet li kienet tippatroċina lill-konvenuta, meta skopriet li l-konvenuta telqet mill-post tax-xogħol u minn Malta, u li qatt ma kienet infurmatha bl-intenzjoni li titlaq minn Malta. Spjegat li ma tathiex ir-release, peress li kien għad għandha kontijiet pendenti.

Dr. Jessica Rita Galea xehdet u esebiet iċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza li ottjeniet il-konvenuta bħala Dok AA u kkonfermat li l-konvenuta akkwistat iċ-ċittadinanza fit-23 ta' Mejju 2014.

## PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u ċjoe l-Artikolu 19(1) (d) u 19(1) (f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ.

"19(1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:

(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

(f) jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta’ xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt ghall-att taż-żwieġ;”

Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, (l-artikolu 19(1) (d) tal-Att dwar iż-Żwieg) il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta’ immaturita` li parti jew oħra fiż-żwieġ tista’ tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta’ dak kollu li jkunu deħlin bih il-partijiet, u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħhu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre`, l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta’ xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b’xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mil-liġi.

Kif jispjega l-awtur **Bersini** “e necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se, al momento di emmettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sareberro in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia ammetta prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravenmente alteratt o addirittura mancante, si dovra ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio”.[3]

[3] Bersini Francesco, Il Diritto canonico matrimoniale, (Torino, 1994) p.97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs Sharon Galea nee Gibson mogħtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta’ Marzu 2003 (Citazzjoni Numru 484/1995/2 (RCP)).

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li: “Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.”[4]

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghall-artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ li tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita` taż-żwieġ f’dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament ippruvat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti fil-kaz Alfred Tonna vs Maria Tonna,[5] “ikun hemm simulazzjoni meta fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra(jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda internament u b’att pożittiv tal-volonta` tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew dejjem b’dak l-att pożittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali).”

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda a priori ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja

[4] Viladrich Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon law Annotated (Montreal 1993) p.686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs Dr. Ian Spiteri Bailey et noe mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta’ Ottubru 2002, (Cit. nru. 390/1999/1) (RGM).
[5] Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili (VDG) – 31 ta’ Jannar 1996

miżżewġa, ċjoe`, issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda a priori ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe` saret simulazzjoni parzjali."[6]

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODEJERN.

Illi stabbiliti l-aspetti legali suċitati dwar l-aspett tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Illi dwar il-kawżali tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju u s-simulazzjoni tal-kunsens, hemm differenza fina bejn waħda u l-oħra li mhux dejjem tkun faċli li tiddeċifraha. Filwaqt illi tal-ewwel tfisser li wieħed mill-konjuġi, jew ossija t-tnejn, ma fehemx x'inhuwa mistenni minnu fir-rigward ta' obbligi matrimonjali, fit-tieni, l-konjuġi, jew wieħed minnhom, minkejja li konxji tal-obbligi rispettivi tagħhom fiż-żwieġ, jagħżlu li jeliminaw xi wieħed mill-obbligi, jew l-obbligi kollha.

Jiġi osservat, li fil-każ, in eżami, saru żewġ rikorsi u permezz ta' digriet datat 21 ta' Settembru 2016, ġiet emendata l-ewwel talba b'mod li qed jintalab l-annullament taż-żwieġ ai termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255. Permezz ta digriet datat 3 ta' Lulju 2018, in segwitu għal rikors ieħor, ġiet emendata t-tieni talba billi qed jintalab l-annullament ai termini tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255.

Illi l-partijiet iżżewġu fil-Marokk fis-26 ta' Mejju 2008 u sussegwentement iż-żwieġ tagħhom ġie reġistrat f'Malta kif jirriżulta mid-dokument esebit a fol 5 tal-proċess.

Il-konvenuta fit-tieni eċċezzjoni tagħha, eċċepiet, li taqbel li ż-żwieġ tagħha għandu jiġi dikjarat null abbażi tal-Artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, iżda rrilevat li d-dikjarazzjoni ta' nullita` għandha tingħata għal raġunijiet imputabbli biss lill-attur, fis-sens li kien il-kunsens tal-attur li kien vizzjat fil-mument taż-żwieġ u mhux

[6] Sharon Lanzon vs Francis Attard – Prim Awla tal-Qorti Ċivili – 15 ta' Marzu 2000.

tagħha. Madankollu, kuntrarjament għal dak sottomess mill-konvenuta fl-eċċezzjoni tagħha, mill-provi mressqa, jirriżulta inekwivoku li l-konvenuta, fil-mument tal-kunsens taż-żwieġ kienet nieqsa minn dik il-maturita` li tagħmilha kapaċi tirrifletti fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa

Ir-relazzjoni tal-partijiet, qabel ma żżewġu tista' tiġi deskritta bħala 'long distance relationship', fejn huma t-tnejn ikkonfermaw li qabel ma' ltaqgħu damu xhur jikkomunikaw biss bic-chat onlajn. Għalhekk, ir-relazzjoni kienet irregolari, fis-sens li l-kontendenti kienu jikkomunikaw iżjed onlajn milli wiċċ imb wiċċ. Huma kienu fiżikament flimkien għal ħmistax meta kien tela' l-ewwel darba r-rikorrent il-Marokk biex jiltaqa' l-ewwel darba mal-konvenuta, u fil-ġimghat ta' qabel seħħ iż-żwieġ fil-Marokk, wara li r-rikorrent reġa' tela' għat-tieni darba l-Marokk biex ikun flimkien mal-konvenuta.

Jirriżulta li r-rikorrent ma kienx jaħdem regolarment meta l-partijiet rritornaw lura Malta wara ż-żwieġ peress li kien telaq mix-xoghol preċedentmeent biex imur il-Marokk għaż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta, u kienu igħinuh il-ġenituri tiegħu finanzjarjament. Jirriżulta wkoll, li minħabba nuqqas ta' flus, iż-żewġ partijiet telqu d-dar li kienu jikru u reġgħu marru joqgħodu mal-ġenituri tar-rikorrent. Il-konvenuta da parti tagħha, aktar u aktar ma kkonsidratx l-aspett rikjest miż-żwieġ tal-ħajja komuni u magħquda, peress li jidher li ma kinitx tirritorna d-dar wara x-xogħol, iżda kienet spiss tirritorna fl-għaxra ta' fl-għaxija, u fi tmiem il-ġimgħa kienet toħroġ weħedha mhux bħala koppja mar-rikorrent, għalhekk hija baqgħet tgħix ħajja ta' xebba u mhux ta' mara miżżewġa. Dawn il-fatti mhumiex kontraddetti mill-konvenuta. Inoltre`, kull sena hija kienet issiefer weħedha lejn il-Marokk, u fl-2014 wara li ottjeniet iċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza Maltija, hija telqet mid-dar tal-ġenituri tar-rikorrent fejn kienet qed tgħix mar-rikorrent u bdiet tikri appartament għar-rasha. Minn dawn ir-riżultanzi fattwali, jirriżulta ċar li l-konvenuta ma kellhiex l-intenzjoni li tgħix ħajja magħquda kif rikjest miż-żwieġ mar-rikorrent, bid-drittijiet u d-dmirijiet rikjesti għall-*cummunio vitae*. Dan iż-żwieġ, almenu da parti tal-konvenuta, żgur li kien nieqes mill-motivazzjoni ġenwina li toħloq ħajja komuni flimkien ma' żewġha bid-drittijiet u dmirijiet li tali għażla ġġib

magħha. Ir-rikorrent da parti tiegħu baqa' matul is-snin taż-żwieġ mal-konvenuta, ħadha wkoll toqgħod għand il-ġenituri tiegħu, b'tentattiv biex huma jibqgħu igħixu l-ħajja konjugali flimkien, iżda dan iż-żwieġ ma rnexxiex.

Irrizulta ampjament ċar mill-provi prodotti li l-konvenuta ma impenjatx ruħha lejn il-ħajja miżżewġa u wriet aktar interess li tgħix ħajja ta' xebba, toħroġ ma sħabha u jirriżulta wkoll li meta ottjeniet iċ-ċittadinanza Maltija, lanqas biss baqgħet toqgħod mal-attur. Dan l-atteġjament da parti tal-konvenuta kien ta' ostakolu biex il-partijiet igħixu ħajja konjugali magħquda. Fil-fatt, għalkemm il-konvenuta baqgħet toqgħod fl-istess dar mar-rikorrent mid-data taż-żwieġ sal-2014, meta ottjeniet iċ-ċittadinanza proprju fl-2014, hija telqet l-ewwel mid-dar konjugali, u sussegwentement anke minn Malta. Dr. Sarah Sultana, li kienet tippatroċina lill-konvenuta kkonfermat li l-konvenuta telqet minn Malta, mingħajr ma avżatha,  u meta ppruvat tikkuntatjaha, ma rnexxielha tagħmel l-ebda kuntatt mal-konvenuta. Għaldaqstant, ġie ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi, li meta ngħata l-kunsens, il-konvenuta, li llum m'għadhiex toqgħod f'Malta kienet afflitta minn difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u /jew elementi essenzjali tagħha.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrent hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu (d) tal-artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DECIDE**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent, b'dan illi:

Tiddikjara illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikolu 19(1) (d) tal-Att Dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-att taż-żwieġ relattiv bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjeż kollha għandhom ikunu sopportati mill-konvenuta, iżda stante li l-konvenuta m'għadhiex toqgħod f'Malta, l-attur għandu provvizorjament iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' kuraturi deputati f'dawn il-proċeduri.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Ft. Rita Vella-Baldacchino
Deputat Reġistratur